**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tal-4 ta' Mejju, 2001.**

**Citazzjoni numru 582/01GC**

Chef Choice Limited

Vs.

Super Master Ltd.

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici, wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta Super Master Limited ghandha thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbatax-il elf, erba mija erbgha u hamsin Lira Maltija (Lm14,454) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija, tat-tip ta' affarijiet tal-ikel, mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta konvenuta fuq talba taghha stess, kif jidher mill-istatement tas-socjeta attrici, hawn anness bhala Dok "A";

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta attrici , is-socjeta konvenuta m’ghandhiex eccezzjoni valida x’taghti kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artiklu mija u seba u sittin (167) et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant legali tas-socjeta attrici u mmarkat bhala Dok. “B”;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma minnha dovuta ta'’erbatax il-elf, erba mija erba u hamsin lira maltija (Lm14,454) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ merkanzija, tat-tip ta’ affarijiet tal-ikel, mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta konvenuta fuq talba taghha stess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru tas-27 ta’ Marzu, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqhet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socejta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur